**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 953/2014 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca)**
**vs**
**David-Mario Balzan**

**Illum 28 ta' Novembru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

David-Mario Balzan, detentur tal-karta tal-identita' 495982M

Akkuzat talli fil-25 ta' Mejju, 2012 ghall-habta ta' 08:15 ta' filghodu fi Triq Rue D'Argens (kantuniera ma Sliema Rd), Gzira,

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Adrian Galea mill-Marsa skond kif iccertifikat minn Dr. Maureen Bezzina Reg 5271.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 6 ta' Dicembru, 2016 quddiem dak iz-zmien, illum irtirat Magistrat Dr. Anthony Micallef Trigona.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali, kunsens tal-Avukat Generali, certifikat mediku mmarkat bhala Dok MB, ritratti mmarkati bhala Dok MM1 sa Dok MM7 u CCTV footage immarkat bhala Dok MM8, full road traffic accident report datat 25 ta' Mejju, 2012 immarkat bhala Dok MM9, skizz immarkat bhala Dok MM10, relazzjoni ta' PL Mario Buttigieg immarkat bhala Dok MB1, affidavit ta' Dr. Massimo Abela, rapport ta' Dr. Frederick Zammit Maempel immarkat bhala Dok FZM1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Dr. Maureen Bezzina, PS 11 Daniel Zammit, Dr. Christopher Spiteri, Adrian Galea, PL Mario Buttigieg, Kenneth Spiteri,

**Dr. Maureen Bezzina**, tispjega li hi tezercita l-processjoni taghha gewwa l-Isptar Mater Dei. Tghid li kienet ezaminat lil Adrian Galea nhar il-25 ta' Frar, 2012 fid-8:55 a.m. fejn iccertifikat li kellu ferita fuq il-qasba tas-sieq tax-xellug u l-x-ray wera li kellu ksur u ghalhekk ikklassifikat il-griehi tieghu bhala gravi.

**PS 11 Daniel Zammit**, jghid li fil-25 ta' Mejju, 2012 ghal habta tat-8:15 kien gie nfurmat li kien hemm habta fi Triq Rue D'Argens, kantuniera ma Sliema Road, u ghalhekk mar fuq il-post fejn sab mutur u x-xufier tal-istess mutur taht trakk. Ghalhekk cempel ghall-ambulanza. Il-persuna li kienet wegghet kien certu Adrian Galea u l-mutur kien Honda 600, numru ta' registrazzjoni AFM 497. It-trakk involut fl-incident kellu numru ta' registrazzjoni DBA 886 liema trakk kien qed jinstaq minn David Balzan. PS 11 tkellem ma David-Mario Balzan fuq il-post fejn dan tal-ahhar qallu li kien hareg fuq il-lights hodor. Meta l-vittma gie f'tieghu gewwa l-isptar Mater Dei, gie mitkellem minn PS 11 fejn ukoll qallu li kien hareg meta l-lights kienu hodor. PS 11 gabar CCTV footage mill-hanut Tony & Guy fejn avolja kien ta' kulur abjad u iswed, seta' jikkonstata li kien il-mutur li hareg meta l-lights kienu hodor.

**Dr. Christopher Spiteri**, jispjega li jridu jsiru iktar ricerki biex ikunu jafu jekk kienux intbghatu xi haddiema fuq il-post sabiex jissewwew xi traffic lights.

**Adrian Galea**, jghid li fil-25 ta' Mejju, 2012 ghal habta tat-8:15 kienu tiela' bil-mutur tieghu, numru ta' registrazzjoni AFM 497, minn Triq Rue D'Argens, direzzjoni lejn tas-

Sliema fejn ra l-lights ta' kulur organja jeqilbu ahdar u ghalhekk qala' u baqa' hiereg. Kif gie f'salib it-toroq, sab vann ma wiccu u spicca taht il-vann fejn kiser saqajh. Kellu u ghad ghandu bzonn operazzjonijiet kemm Malta u kemm l-Ingilterra sabiex it-tobba jippruvaw ifejqulu saqajh. Adrian Galea jispjega li dak il-hin meta kien taht il-vann, lil David-Mario Balzan qallu biex jaqbad il-gakk u jgholli l-vann sabiex ikun jista' jinqala' minn taht il-vann, izda David-Mario Balzan kien qallu li m'ghandux gakk apposta ghall-vann.

**PL Mario Buttigieg**, kien inkarigat mill-Qorti sabiex jezamina CCTV footage u sahansitra anke hareg xi ritratti. Jikkonferma li t-traffic lights kienu qed jahdmu tajjeb u kkonferma wkoll li l-mutur hareg meta l-lights kienu hodor. Jispjega li allura l-lights ta' faccata u cioe' ta' Sliema Road, suppost kienu homor.

**Kenneth Spiteri**, huwa Manager ta' Transport Malta jghid li dak inhar tal-incident, it-traffic lights ta' Rue D'Argens kienu qed jiffunzjonaw tajjeb u ma kien hemm l-ebda rapport ta' hsarat.

**Dr. Massimo Abela**, bhala konsulent ortopediku, fl-affidavit tieghu jikkonferma li kien ezamina lil Adrian Galea izda l-ahhar darba li nvistah kien nhar id-19 ta' Lulju, 2016 u li prezentement, Adrian Galea m'huwiex taht il-kura tieghu.

Rat li l-Qorti kif presjeduta bdiet tisma' l-kawza odjerna mill-31 t'Ottubru, 2017 u dan minhabba li l-Qorti kif diversament presjeduta, irtirat biz-zmien.

Inoltre, fl-istess seduta tal-31 t'Ottubru, 2017, il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga' ttella' u tisma' x-xhieda u l-provi kollha li ngabru sa dak inhar tas-seduta.

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Novembru, 2019, l-imputat irregistra ammissjoni.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti semghet b'mod car l-ammissjoni inekwivoka tal-imputat u ghalhekk tqisu bhala hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu.

**Decide:**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fuq ammissjoni tal-imputat David-Mario Balzan stess, issib lill-imputat hati, tikkundannah ghal multa ta' tlett elef ewro (€3,000) li ghandha tithallas f'pagamenti mensili ta' erbgha u tmenin ewro (€84) fix-xahar ghal sitta u tletin (36) xahar u tordna minn issa li jekk jinqabez xi pagament mensili, l-ammont rimanenti ghandu jigi kkonvertit f'prigunerija, b'mod effettiv.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**